MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 704/2009

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**
**Vs**
**Wayne Fisher**
**ID No. 25309L**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-10 ta' Settembru, 2009 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elfejn, tmien mija u erba' u ghoxrin ewro u sittin cenyezmu (€2,824.60) liema soma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lill-Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru *1023176* u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u is-sena 2009. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Illi b'risposta prezentata fil-11 ta' Mejju, 2011 il-konvenut eccepixxa illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;
Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut kien emigra f'Awissu tas-sena 2009 lejn l-Ingilterra u qabel ma telaq minn Malta kien informa fl-ufficini tal-GO biex jigi terminat il-kuntratt;
Illi l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv ghax jekk hemm ammont dovut hu wiehed minimu stante li l-konvenut kien b'kuntratt mas-socjeta' attrici u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost;
Salv eccezzjonijiet ohra;
Bl-ispejjez;
illi t-Tribunal wara li semgha x-xhieda ta' Simone Ellul li pprezentat dokumneti li jissostanzjaw it-talba tas-socjeta' attrici.
Illi t-Tribunal wara li ta cans diversi seduti sabiex il-konvenut iressaq il-provi tieghu, dan la deher ghas-seduti u lanqas ressaq il-provi tieghu.
Illi t-Tribunal fuq il-provi imressqa jaqta u jiddecidi billi jilqa' it-talbiet attrici s-somma ta' elfejn, tmien mija u erba' u ghoxrin ewro u sittin cenyezmu (€2,824.60) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a kawza tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------